MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1614/2001/1

**Mario Testa**

**vs**

**Alfred u Georgina konjugi Theuma**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Gunju 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm575.00 (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin) prezz ta’ servizz u materjal konness ma’ gbid ta’ ritratti u “video”.

Bl-ispejjez u bl-imghax. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

L-eccipjenti ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tat-tmintax (18) il-xahar.

L-attur stqarr li s-servizz gie rez fil-gurnata tat-tieg tal-konvenut ossia fil-11 ta' Gunju, 1995. La saru pagamenti u wisq anqas rikonoxximent tad-debitur. Irrizulta att gudizzjarju sabiex jitlob il-pagament cirka sentejn ilu cioe fis-sena 2000. Il-fatt li ddepozita l-oggetti meritu tal-kreditur taht l-Awtorita' tal-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) ma jfissirx li t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar. Il-ligi stess kif konfermata minn gurisprudenza kostanti tistipula li l-perjodu jibda jghaddi minn dakinhar li gie rez is-servizz.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur."

Minn din is-sentenza appella l-attur bl-aggravju illi t-Tribunal adit ghamel valutazzjoni zbaljata tal-ligi. Huwa jsostni illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti ta' tmintax (18) il-xahar kellha tibda tghaddi mid-data li fiha r-ritratti u video tat-tieg tal-appellati gew depozitati fil-Qorti.

Dan l-argoment tieghu hu bazat fuq l-assunt illi gjaladarba si tratta minn vendita` z-zmien jibda jiddekorri mill-

konsenja tal-oggett. Dan il-hsieb issokta jamplifika fuqu fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet minnu ntavolata fit-3 ta' Marzu 2003.

Jinghad mill-ewwel illi din il-Qorti hi perplessa minn dan ir-ragjonament, li, fil-verita`, ma jsib l-ebda adezjoni jew sostenn f'sens guridiku. In materja ta' bejgh, ex Artikolu 1347 tal-Kodici Civili, "*la vendita` e' perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo*" tant illi "*la proprieta` dalla cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita*" (**Vol XX pIII p29**). Huwa biss in rapport ghad-drittijiet tat-terzi illi fil-kaz ta' hwejjeg mobbli l-proprjeta` ma hijiex trasmessa hlief bit-"traditio" jew il-konsenja. (Art. 1381 tal-Kodici Civili; **Vol XXXIII pI p670**).

Ghall-finijiet imbaghad tal-materja in diskussjoni huwa ferm difficli li l-Qorti taccetta l-argoment illi d-dekorriment taz-zmien hu maghmul jiddependi mill-volonta` esklussiva tal-parti li kontra taghha tkun giet eccepita l-preskrizzjoni.

F'dan il-kuntest l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 kjarament jiddisponi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*". Is-servizz kummissjonat mill-konvenuti lill-attur gie ezegwit u mitmum fil-11 ta' Gunju 1995, u minn din il-gurnata jew granet wara biex gie kompletat il-process tal-izvilupp tar-ritratti, bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni. Preskrizzjoni li fil-kaz de quo kienet ilha li giet kompita meta saret ic-Cedola ta' Depozitu fit-23 ta' Ottubru 2002.

Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "**Diego Attard et nomine –vs- Angelo Fenech**", Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965, "*l-impossibilta` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta*".

Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Paolo Koludovich –vs- Carmelo Muscat**", Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju

1959 u "**Joseph Chircop et –vs- Salvatore Muscat noe**", Appell, 28 ta' April 2000.

L-appellant ma gab l-ebda raguni valevoli ta' xi sospensjoni tal-preskrizzjoni jew ta' att interuttiv taghha. Lanqas ta' xi rinunzja ghall-istess preskrizzjoni eccepita. Kif lanqas ma jista' fil-kaz konkret jistrieh fuq l-aforizma "contra non valentem agere non currit prescriptio". Principju li kif akkolt mill-gurisprudenza taghna jaghti lok ghal konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt. Skond l-insenjament tal-**Giorgi** ("Obbligazione" Vol. VIII p594) l' "initium praescriptionis" jibda mill-"exordium obligationis", cjoe minn meta l-kreditu jibda jsir esigibbli.

Hekk per ezempju jissucciedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perijodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara fir-rigward sentenzi fl-ismijiet "**Caterina Gerada et –vs- Dr. Antonio Caruana noe**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969; "**Bartolomeo Xuereb vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994 u "**P.L. John Privitera nomine –vs- P.L. Ivo Galea et**", Appell, 1 ta' Dicembru, 2000.

Fil-kaz prezenti ma niltaqghu ma l-ebda kawza oggettiva ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni bhal dawk fuq ezemplifikati. Id-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet inversi ma ghandha l-ebda rilevanza ghal meta l-appellant kreditur seta' jintavola l-azzjoni tieghu, u konsegwentement ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Ghal kaz hawn prospettat it-tip ta' servizz offrut mill-attur bhala fotografu jannovera ruhu fost is-snajja precizati fl-Art 2148 (a) tal-Kodici Civili in kwantu x-xoghol u prodott tieghu hu rapprezentazzjoni mekkanika ta' fatti u grajjiet. Li jfisser li l-fotografu hu ragjonevolment inkluz fil-frazi "ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika".

Kif fuq gja espost l-attur appellant ma hax hsieb jikser il-preskrizzjoni b'xi wiehed mill-modi mill-ligi stabbilita. U allura, anke wara ezami bir-reqqa ta' l-atti processwali, din il-Qorti ma ssib xejn li jista' jwassalha ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha t-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell interpost mill-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------